MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Numru. 33/2014

**Il-Pulizija**
**[Spettur Darren Buahagiar]**

**vs**

**Mohammd Hassan Moattar Zadeh**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohammd Hassan Moattar Zadeh detentur tal-karta tal-passaport Iranjan bin-numru A26847210;

Akkuzat talli:
Talli fis-6 ta’ Jannar 2014 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé passaport Messikan, innumerat G06980070 u maħruġ f’isem Mauricio Xavier Herreman Gonzalez, ittrasferixxa dan id-dokument lil

persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat id-dokumenti ipprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Wara li semghet l-ammissjoni tal-istess imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata iz-zmien opportun sabiex tikun jista' jirregola ruhu, issib lill-imputat Mohammd Hassan Moattar Zadeh hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------